**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**27 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 33/20**

**Christopher Camilleri**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Christopher Camilleri** fit-3 ta' Gunju 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"1. Illi l-appellant huwa sid ta' vettura tat-tip Range Rover bin-numru ta' registrazzjoni 07D2999 li huwa kien importa mill-Irlanda.*

*2. Illi l-appellant kien ghadda lill-Awtorita' appellata c-certifikat ta' registrazzjni tar-Renju Unit li jindika li l-vettura kienet iccertifikata bhala ta' klassifikazzjoni "N1", ossia vettura kummercjali.*

*3. Illi ciononostante, l-Awtorita' arbitrarjament ma accettatx li tirregistra din il-vettura bhala ta' klassifikazzjoni "N1" sakemm l-esponent ma jipprovdix ic-certifikat ta' konformita' relattiv. Altrimenti l-esponent gie nfurmat illi l-Awtorita' kienet ser tqis il-vettura bhala M1 bil-konsegwenzi li l-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq l-istess vettura huwa dak li jemergi mit-Tieni Skeda u mhux mill-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4. Illi fis-27 ta' Novembru 2019 l-appellant baghat kopja tac-certifikat ta' konformita' kif rikjest, liema certifikat gie ottjenut b'mod ufficjali u wkoll saret laqgha bejn il-kontendenti fejn l-Awtorita' weghdet li taghmel il-verifiki taghha.*

*5. Illi wara diversi interpellenzi sabiex l-Awtorita' tiehu decizjoni finali, l-appellant gie nfurmat permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2020 li skont l-Awtorita' appellata c-certifikat ta' konformita' mghoddi kien wiehed falz u allura t-talba ghar-registrazzjoni tal-vettura bhala N1 ma kinitx ser tigi milqugha.*

*6. Illi l-appellant huwa aggravat ferm bid-decizjoni tal-Awtorita' stante li mhuwiex minnu lic-certifikat ipprezentat mhuwiex falz.*

*7. Illi in oltre, il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippermettix, salv jekk javveraw ruhhom fattispecie limitati u li jemergi mill-istess Att, tibdil f'klassifikazzjonijiet differenti minn dak tal-pajjizi minn fejn tkun originat il-vettura.*

*8. Illi d-decizjoni tal-Awtorita' hija zbaljata u minghajr raguni validi b'mod li ghandha titqies ukoll bhala wahda irragonevoli.*

*9. Illi din id-decizjoni hija aktar manifestament zbaljata tenut kont illi vetturi simili importati bl-istess mod u bl-istess dokumenti gew registrati minghajr problemi bhala N1 u ilhom jigru fit-toroq ghal dawn l-ahhar sentejn.*

*10. Illi ghalhekk l-appellant gie kostrett jmexxi bl-azzjoni odjerna.*

*Ghaldaqstant l-appellant jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu:*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Awtorita' appellata kif kontenuta f'ittra tas-16 ta' Marzu 2020 fejn it-talba tal-appellant ghar-registrazzjoni tal-vettura Range Rover bin-numru ta' registrazzjoni 07D2999 bhala vettura ta' klassifikazzjoni N1 giet michuda."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-12 ta' Gunju 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Fl-ewwel lok qed jigi eccepit illi r-rikors promotur huwa irritwali, null u bla ebda effikacja stante illi gie pprezentat tardivament u ben oltre t-terminu statutorju ta' ghoxrin gurnata mid-data meta giet ricevuta d-decizjoni tal-Awtorita' bl-ittra tas-16 ta' Marzu, 2020 u dan a tenur tal-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej: "40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

*(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat* ***fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità.***"

*Ghaldaqstant ir-rikors tal-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez stante li gie pprezentat tardivament.*

2. *Illi, di piu, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-realta' d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' li tikklassifika l-vettura de quo agitur bhala vettura M1 u mhux bhala vettura N1 kif ipprova jispaccaha l-appellant kienet ittiehdet ferm u ferm qabel tant li mbaghad kien anke gie prezentat Protest Gudizzjarju mill-appellant li ghalih kienet wiegbet l-Awtorita' permezz ta' Kontro-Protest Gudizzjarju.*

   *Di fatti, permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju, 2019, li kopja taghha tinsab hawn annessa bhala Dok. 'A', l-Awtorita' kienet gharrfet lill-appellant (ossija lill-avukat patrocinanti tieghu Dr. David Camilleri LL.D.) illi skond l-artikolu 2 tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta, "vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati u biex l-Awtorita' taccedi ghat-talba tal-appellant biex il-vettura in kwistjoni tigi registrata bhala vettura 'N1' kien jehtieg illi l-Awtorita' tkun konvinta illi din il-vettura 'Range Rover' hija vettura uzata ghall-garr ta' merkanzija u ghalhekk tablet il-produzzjoni ta' certifikat ta' konformita' (certificate of conformity) jew dikjarazzjoni mill-manifattur tal-vettura in kwistjoni li fiha tiddikjara jekk din il-vettura kinitx giet manifatturata bhala vettura N1 jew M1 u n-numru ta' sedili li kellha tali vettura meta giet immanifatturata.*

*Illi ghal bosta xhur l-appellant naqas milli jipprezenta tali certifikat ta' konformita', kif kien gie mitlub jaghmel, u minflok, kif fuq inghad, ipprezenta protest gudizzjarju u anke ilment lill-Ombudsman, izda mbaghad, xhur wara, f'daqqa u l-hin kien ipprezenta 'certifikat ta' konformita' li l-Awtorita' rispondenti, meta ghamlet il-verifiki mehtiega mal-Vehicle Certificates Agency tar-Renju Unit irrizulta illi dan ma kienx korrett u ma kienx jirreferi ghall-istess vettura, oltre illi l-Awtorita' ghamlet aċċertamenti oħra li minnhom irrizultalha li ebda vettura tal-għamla 'Range Rover' ma giet qatt manifatturata bhala vettura kummercjali.*

*Illi ghalhekk fir-realta' d-decizjoni li minnha semmai kellu jsir appell kienet id-decizjoni moghtija mill-Awtorita' li tikklassifika l-vettura in kwistjoni bhala wahda M1 u mhux bhala wahda N1, u mhux id-decizjoni tas-16 ta' Marzu, 2020 dwar il-validita' o meno tac-certifikat ta' konformita prezentat mill-appellant, stante illi kjarament tali decizjoni hija ancillari u incidentali ghad-decizjoni originali u principali moghtija mill-Awtorita' li biha rrifjutat li tirregistra l-vettura in kwistjoni bhala wahda kummercjali, u fil-fatt huwa f'dak ir-rigward illi huma inkanalati t-talbiet tal-appellant.*

3. *Illi ghalhekk il-pretensjonijiet tal-appellant li l-Awtorita' ghanda tirregistralu l-vettura de quo agitur tal-ghamla 'Range Rover' bhala wahda kummercjali u cioe' N1 meta kollox jindika bl-izjed mod car u manifest illi l-vettura in kwistjoni mhijiex wahda kummercjali ghall-garr tal-merkanzija izda hija vettura ta' valur ghall-garr tal-passiggieri, u b'hekk ikun qieghed jevadi eluf ta' Ewro f'taxxa (stante illi t-taxxa ta' registrazzjoni pagabbli fuq vetturi M1 hija ferm u ferm oghla minn dik pagabbli fuq vetturi N1), huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

Ra illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata hija ta' natura preliminari u ghalhekk gew sottomessi provi dwar l-istess eccezzjoni u sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 16 ta' Marzu 2020 li permezz taghha gie mgharraf illi t-talba tieghu sabiex il-vettura tal-ghamla Range Rover bin-numru ta' registrazzjoni 07D29991 tigi registrata bhala Vettura N1, u *cioe`* wahda kummercjali, kienet qieghda tigi michuda. In

oltre, fl-istess ittra l-Awtorita` infurmatu li kienet se tirreferi l-kaz lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tinvestiga l-kaz stante li rrizultalha li c-certifikat ta' konformita` pprezentat minnu kien wiehed falz. Fil-fatt, fl-istess data, l-Awtorita` intimata bghatet kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn esponiet il-fatti li rrizultawlha u talbitu jinvestiga l-kaz u jiehu dawk il-proceduri kriminali opportuni fic-cirkostanzi.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni, l-Awtorita` intimata eccepiet illi l-appell mid-decizjoni taghha tas-16 ta' Marzu 2020 gie ntavolat tardivament, u *cioe`*, oltre l-ghoxrin (20) gurnata minn meta giet ricevuta l-istess decizjoni.

Illi biex tigi trattata din l-eccezzjoni, tajjeb li dan it-Tribunal jelenka l-*iter* li hadet it-talba tar-rikorrenti, u *cioe`*:

1. Fl-2018 ir-rikorrent importa l-vettura *de quo* hawn Malta u sussegwentement ghadda biex japplika sabiex jirregistraha mal-Awtorita` intimata bhala vettura tat-tip N1;
2. Fil-25 ta' April 2019 il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex tirregistra l-istess vettura bhala wahda kummercjali fi zmien gimgha;[1]
3. Fit-22 ta' Mejju 2019, il-konsulent legali tal-Awtorita` intimata, wiegeb ghall-ittra tal-25 ta' April 2019 fejn gharraf lill-konsulent legali tar-rikorrent illi biex l-Awtorita` intimata taccedi ghat-talba tar-rikorrenti trid tkun konvinta li l-vettura *de quo* hija vettura uzata ghall-garr ta' merkanzija. Ghaldaqstant l-Awtorita` intimata talbet sabiex ir-rikorrent jipprezenta c-certifikat ta' konformita` jew dikjarazzjoni tal-manifattur tal-vettura li fiha jiddikjara jekk l-istess kinitx giet manifatturata bhala vettura N1 jew M1 u n-numru ta' sedili li kellha meta giet immanifatturata;[2]
4. Fl-1 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrent ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex taghtih risposta fl-affermattiv;[3]
5. Fit-13 ta' Awwissu 2019 l-Awtorita` intimata ipprezentat kontro-protest fejn gharrfet lir-rikorrent illi dment u sakemm ma jipprezentax id-dokumentazzjoni rikjesta hija ma kinitx se taccedi ghat-talba tieghu biex jirregistra l-vettura bhala N1;[4]
6. Fis-27 ta' Novembru 2019, il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata fejn mal-istess ittra annetta kopja tac-certifikat ta' konformita` rikjest fl-ittra tat-22 ta' Mejju 2019;[5]

---

[1] Dokument B a fol. 24
[2] Dokument C a fol. 26
[3] Dokument D a fol. 27
[4] Dokument E a fol. 29
[5] Dokument G a fol. 34

7. Fl-20 ta' Frar 2020 ir-rikorrent ipprezenta ittra ufficjali kontra l-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex taghtih risposta li l-vettura kienet qieghda tigi registrata bhala wahda kummercjali;[6]
8. Fis-16 ta' Marzu 2020, l-Awtorita` intimata kitbet lill-konsulent legali tar-rikorrent fejn infurmatu li kienet qieghda tichad it-talba tar-rikorrent biex il-vettura *de quo* tigi registrata bhala N1 in vista li rrizultalha li c-certifikat ta' konformita pprezentat mir-rikorrent kien wiehed falz.[7] Fl-istess gurnata l-Awtorita` intimata kitbet ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz;[8]
9. Fit-30 ta' Marzu 2020 il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb ghal darb'ohra lill-Awtorita` intimata fejn cahad li c-certifikat ta' konformita` kien wiehed falz, stante li l-istess certifikat ingab minn barra minn Malta b'mod ufficjali. Ghaldaqstant rega' interpella lill-Awtorita` sabiex tirregistra l-vettura bhala wahda kumercjali;[9]
10. Fit-13 ta' April 2020 il-konsulent tal-Awtorita` intimata irrispondi din l-ahhar ittra fejn gharraf lir-rikorrent li l-Awtorita` kienet qieghda tirriafferma l-posizzjoni taghha.[10]

Illi minn dan l-*iter* johrog car illi d-decizjoni finali li fiha hemm ic-cahda tar-registrazzjoni tal-vettura *de quo* bhala wahda kummercjali hija dik tas-16 ta' Marzu 2020. Qabel din id-data, ghalkemm kien hemm korrispondenza u diskussjonijiet bejn il-partijiet, qatt ma kien hemm risposta definittiva ghat-talba li ressaq ir-rikorrent u dan ghaliex jirrizulta li l-Awtorita` intimata kienet qieghda tistenna li jkollha c-certifikat ta' konformita` tal-vettura *de quo* f'idejha. Jirrizulta li kien biss meta kellha c-certifikat ta' konformita f'idejha, u kienet tal-opinjoni li kien falz, li hija tat risposta definittiva lir-rikorrent u ghaddiet ukoll biex tipprezenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Kwindi dak sottomess mid-difensur tal-Awtorita` intimata, u cioe`, illi d-decizjoni finali tal-Awtorita` kienet ittiehdet u giet reza maghrufa mar-rikorrent ferm qabel ma ntbaghtet l-ittra tas-16 ta' Marzu 2020 hija infondata. Illi di piu`, minn qari tal-istess eccezzjoni moghtija mill-Awtorita` intimata, jirrizulta illi l-Awtorita` nnifisha tindika d-decizjoni finali taghha bhala dik **tas-16 ta' Marzu 2020** u dan stante li eccepiet hekk: *"Fl-ewwel lok qed jigi eccepit illi r-rikors promutur huwa irritwali, null u bla ebda effikacja stante illi gie pprezentat tardivament u* ***ben oltre t-terminu statutorju ta' ghoxrin gurnata mid-data meta giet ricevuta d-decizjoni tal-Awtorita` bl-ittra*** ***tas-16 ta' Marzu 2020****..."*[11]

[6] Dokument K a fol. 62
[7] Dokument L a fol. 63
[8] Dokument I a fol. 36
[9] Dokument M a fol. 64
[10] Dokument H a fol. 35
[11] Enfasi tat-Tribunal

Kwindi l-Awtorita` intimata torbot l-eccezzjoni taghha mad-data tad-decizjoni appellata.

Illi t-Tribunal jirrileva li meta r-rikorrent ircieva l-ittra *de quo* , ir-Registru ta' dan it-Tribunal kien maghluq minhabba l-Ordni tas-Supretednent tas-Sahha Pubblika dwar l-Gheluq tal-Qrati u Tribunali u r-Registri tal-istess u dan skont l-Avviz Legali 65 tal-2020 li dahal fis-sehh fis-16 ta' Marzu 2020. Illi dan l-Avviz gie revokat permezz tal-Avviz Legali 230 tal-2020 li dahal fis-sehh fil-5 ta' Gunju 2020. Madankollu permezz tal-Avviz Legali 177 tal-2020 ir-Registru tal-Qrati u Tribunali rega' beda' jilqa' l-atti gudizzjarji mill-5 ta' Mejju 2020. Madankollu, **minkejja l-ftuh tar-Registri, t-termini legali u gudizzjarji baqghu sospizi sakemm eventwalment dahal fis-sehh l-Avviz Legali 230 tal-2020 f'Gunju 2020.**

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi stante li r-rikorrent gie mgharraf bid-decizjoni finali permezz tal-ittra datata 16 ta' Marzu 2020, l-ghoxrin (20) gurnata ghall-appell bdew jiddekorru skont artikolu 3 tal-Avviz Legali Numru 61 tal-2020. Illi jirrizulta illi dan l-appell gie introdott fit-3 ta' Gunju 2020, wara li rega' nfetah ir-Registru ta' dan it-Tribunal u qabel giet imnehhija s-sospensjoni imsemmija f'artikolu 3 tal-Avviz Legali Numru 61 tal-2020. Ghaldaqstant jirrizulta illi l-istess appell gie intavolat *entro* t-terminu preskritt mil-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jordna t-tkomplija tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**